MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

IT-TIENI PARTI TAS-SEDUTA NRU. 20

3 ta' Ġunju 2014

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru.20 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier J. Gauci li talab bil-kitba li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema talba l-Kunsill dehrlu li hija ġustifikata. Il-ħatra ta' l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ kienet għadha ma saritx wara li skada t-terminu ta' Sinjorina Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Ġie miftiehem li l-minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 20A għandhom jiġu ppreżentati fis-seduta li jmiss, flimkien ma' dawk tat-tieni parti.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

2.1.2. Is-Sindku ppropona li l-proposti maqbula fis-seduta Nru. 19 tat-30 ta' April 2014 għandhom jiġu ppreżentati lill-Prim Ministru f'forma audio viżiva, jew permezz tal-Powerpoint. Huwa għalhekk issuġġerixxa li dan is-servizz jiġi kkummissjonat lil xi ditta li tispeċjalizza f'dan it-tip ta' servizz.

2.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

*3.1.* Ma kienx hemm tqegħid ta' karti

## 4.0. Korrispondenza

4.1. Ma ġiet moqrija ebda korrispondenza.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Il-*Purchase Request Form* ġiet trattata fl-ewwel parti tas-seduta.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. L-Iskeda tal-Pagamenti ġiet trattata fl-ewwel parti tas-seduta.

### 7.1. Użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

7.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi inqalgħet ċirkostanza fejn *coach* tat-tennis qed jagħmel użu mill-*court* fil-Park tal-Familja, filwaqt li qed jitlob ħlas ta' €6 kull persuna fis-siegħa, fuq bażi personali, meta l-Kunsill mhux konxju bl-ebda mod dwar dan. Is-Sur J. Buttigieg qal li vverfika dan billi mar fuq il-post u ra ġenituri iħallsu lill-istess *coach*. Huwa għamilha ċara mal-persuna konċernata li l-Kunsill mhux infurmat b'dan il-ħlas u għalhekk kien ser jiddiskuti din il-materja fis-seduta li jmiss. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa talab laqgħa urgent mal-coach - Serge Dintimille – li għaliha attendew Matthew Cauchi u Matthew Azzopardi mill-Mellieħa Tritons u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Dakinhar is-Sur Matthew Cauchi qal li t-tennis kien ġie parti mill-Mellieħa Tritons u għalhekk kellu dritt li juża l-*court*. Is-Sur Cauchi stqarr ukoll li forsi kien nuqqas tat-Tritons li m'għarfux lill-Kunsill biż-żieda ta' din id-dixxiplina flimkien man-netball, il-basketball u l-volleyball. Is-Sur J. Buttigieg qal li meta persuna tkun qed titlob ħlas għaliha personali għandha tgħaddi parti mill-istess ħlas lill-Kunsill, bħala kontribuzzjoni għall-manutenzjoni li tkun meħtieġa ssir minn żmien għal żmien. Is-Sur Dintimille qal li huwa m'għandu ebda oġġezzjoni li jħallas għall-użu tal-faċilitajiet u għalhekk lest iħallas. Is-Sindku kompla jgħid li għandu jkun hemm sistema li permezz tagħha, kemm is-Segretarjat, kif ukoll il-kustodju jkunu nfurmati bl-attivitajiet kollha li jkunu għaddejjin fil-park, partikularment dawk li jsiru bi ħlas.

7.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-għalliema taż-żfin zumba, li tagħmel użu mill-istess *court* tikkontribwixxi €10 kull sessjoni. Hija għarfet ukoll li l-ħlas relattiv ser isir fil-ġranet li ġejjin.

7.4. Il-Kunsillier H. Fenech – li huwa wkoll il-President tal-Mellieħa Tritons - qal li attwalment is-Sur Dintimille huwa msieħeb fil-klabb. Huwa aċċenna wkoll li t-tagħmir li hemm fil-court huwa proprjeta` tal-klabb li ġiet mogħtija permezz tal-Fond għall-Kawżi Ġusti. Huwa stqarr li ma kienx konxju li kien qed jintalab il-ħlas imsemmi u għalhekk il-klabb ma kien qed jieħu xejn minn dan il-ħlas. Huwa kompla jispjega li t-taħriġ tat-tennis fil-fatt inbeda minn *coach* ieħor qabel Marzu 2013, iżda għal xi raġuni ma tkompliex. F'Jannar 2014 il-klabb ġie avviċinat mis-Sur Dintimille, u l-intenzjoni kienet li t-Tritons jgħaddulu t-taħriġ fit-tennis. Is-Sur H. Fenech ikkummenta li l-ħlas ta' €6 huwa meqjuż għoli u għalhekk kemm-il darba jrid ikompli jaħdem taħt il-kappa tal-Tritons, ser ikollu jbaxxieħ. Min-naħa l-oħra huwa dejjem wera li kien lest iħallas għall-użu tal-*court*. Biex ma jkunx hemm distinzzjoni bejn dixxiplina u oħra, is-Sur Fenech issuġġerixxa li għandha titħallas kontribuzzjoni separata għan-netball, basketball, volleyball u tennis.

7.5. Il-Kunsillier P. Cutajar, ippropona li bil-mod kif ġie propost fil-minuta 7.4., il-*coach* jista' iħallas lill-klabb, filwaqt li titħallas kontribuzzjoni lill-Kunsill fir-rigward tat-tennis, flimkien ma' dik tal-basketball, il-volleyball u n-netball.

7.6. Is-Sindku qal li fid-dawl tal-fatt li għalkemm it-tennis ġie mdaħħal bħala sports taħt il-kappa tal-Mellieħa Tritons, it-taħriġ marbut miegħu qed isir bi ħlas direttament mill-ġenituri lill-*coach,* Għaldaqstant għandu jintalab ħlas ta' tim, skont it-tariffa stabbilita. Huwa aċċenna wkoll li għalkemm qatt ma sar ftehim bejn il-Kunsill u l-Mellieħa Tritons dwar l-użu tal-*court* u s-sede tal-istess klabb, minn dejjem kien hemm l-*understanding* li għaqdiet sportivi bbażata fil-Mellieħa jagħmlu użu minnu mingħajr ħlas. Is-Sur J. Buttigieg għamilha ċara li m'għandu l-ebda intenzjoni li jbiddel xi ħaga minn dan l-arranġament sakemm wieħed qed jitkellem fuq għaqdiet, u mhux fuq individwi.

7.7. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li hemm żewġ għażliet f'din il-kwistjoni, ossija dik li jiġbor il-flus il-*coach* u jgħaddi parti minnhom direttament lill-Kunsill, jew li l-*coach* ma jiġborx flus xejn, bil-klabb jgħaddi ħlas lill-Kunsill.

7.8. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li għandha titħallas €10 fil-ġimgħa għall-użu tal-*court* u d-*dressing rooms*. Il-Kunsillier H. Fenech qal li €520 fis-sena tkun ta' piż fuq il-klabb, li mhux possibbli li jsostnih minn sena għall-oħra. Huwa qal li jerġa jġib lill-klabb fis-sitwazzjoni li kieku baqa' jsir użu mill-bitħa tal-Iskola Primarja, fejn kien qed jintalab il-

ħlas tal-purtinar. Is-Sur E. Bartolo reġa ntervjena billi kkummenta li ħlas inqas mill-ammont li huwa ppropona, jista' ma jitħallas xejn lill-Kunsill għaliex ikun insinifikanti biex jagħmel tajjeb għall-manutenzjoni li tkun meħtieġa minn żmien għal żmien.

7.9. Is-Sindku qal li huwa lest li anke jipproponi lill-Kunsill jgħaddi t-tmexxija tal-*court* lill-klabb, kemm-il darba l-istess klabb jidħol għall-manutenzjoni u l-konsum relatat miegħu.

7.10. Wara d-diskussjoni t'hawn fuq, il-Kunsill iddeċieda li m'għandu jintalab l-ebda ħlas fil-każ tal-netball, basketball u volleyball, filwaqt li fir-rigward tas-sessjonijiet tat-tennis il-ħlas għandu jkun regolat skont t-tariffa stabbilita applikabbli għat-timijiet, kif jidher hawn taħt:

| | **Mingħajr l-użu tal-*floodlights* waqt il-ħinijiet tal-kustodju** | **Bl-użu tal-*floodlights* waqt il-ħinijiet tal-kustodju** | **Mhux waqt il-ħinijiet tal-kustodju mingħajr l-użu tal-*floodlights*** | **Mhux waqt il-ħinijiet tal-kustodju bl-użu tal-*floodlights*** |
|---|---|---|---|---|
| | Rata fis-Siegħa | | | |
| ***Team Sports*** | €10.00 | €15.00 | €15.00 | €20.00 |

7.11. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġiet inkarigata tiġbor il-ħlas għas-sessjonijiet taz-zumba li saru fis-Sajf 2013 u dak li ser isir fis-Sajf 2014. Il-Kunsillier H. Fenech ġie inkarigat jagħmel l-istess fir-rigward tat-taħrig fit-tennis, f'dan il-każ b'effett mill-1 ta' Ġunju 2014.

7.12. Kien hemm qbil ukoll li kemm-il darba jkun hemm xi ndividwu li jkun interessat jagħmel użu mill-faċilitajiet, dan għandu jħallas bl-istess mod stabbilit fil-minuta 7.10. aktar 'il fuq.

7.13. Il-Kunsill qabel ukoll li l-iskeda dwar l-użu tal-*court* għandha tiġi aġġornata għall-perjodu Ġunju/Settembru 2014.

## 8.1. Nomini għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

8.2. Is-Sindku ressaq in-nomina ta' Julian Agius li jattendi l-Mellieħa Sports Club Football Nursery.

8.3. Il-Kunsillier H. Fenech ressaq in-nomina ta' Erica Galea li hija membru fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fis-seduta li jmiss wara li jinġiebu *curriculum vitae* tal-persuni msemmija.

## 9.1. Proposti mill-Kumitat EkoSkola tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/6)

9.2. Is-Sindku għarraf li huwa kellu laqgħa mal-Kumitat imsemmi fejn il-membri tal-istess kumitat għaddewlu numru ta' proposti dwar l-użu tal-art li hemm fuq ir-riħ tal-bitħa tal-iskola. Il-proposti li saru jinvolvu użu tal-art mill-pubbliku bħala post ta' rikrejazzjoni, u fejn wieħed jista' josserva l-ekoloġija. Il-proposta tinvolvi wkoll l-introduzzjoni ta' għamara magħmula minn materjal riċiklat. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li l-Iskola Primarja tal-Mellieħa rebħet il-*Green Flag*.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

It-tieni parti tas-Seduta spiċċat fit-7.45pm u ġie miftiehem li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**